MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru. 551/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
FRANCIS MELI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Meli, ta' 49 sena, bin Francis u Nazzarena nee' Schembri, imwieled Qormi fit-12 ta' Dicembru 1956, u residenti f'Villa Gabriella, Triq Valletta, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 62457(M), u akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Marzu 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jwe emblema mxebbhin b'qerq, u cioe' karti tal-ezamijiet passati tal-MATSEC, propjeta' tal-Universita' ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jirripensa l-istess ammissjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 298A u 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' mitt Lira Maltin (Lm100), filwaqt li tordna d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti. Din il-piena qed tinghata

wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------